MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2011

Numru. 690/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino**
**Spettur Malcolm Bondin)**

**vs**

**Judith Camilleri**
**Dean Camilleri**
**Omissis**

**Kumpilazzjoni Nru: 690/2011**

**Illum, 03 ta' Gunju, 2011**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija

**Judith Camilleri**, ta' 49 sena, bint Alfred Falzon u Frances nee Formosa, imwielda Mtarfa nhar it-28 ta' Frar

1962 u residenti Blk 7, Flat 6, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke detentrici ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 147062M;

**Dean Camilleri**, 25 sena, iben Mario u Judith nee Falzon, imwieled Pieta’ nhar is-16 t’Awissu, 1985 u residenti Blk 7, Flat 6, Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke detentur ta’ karta ta’ l-identita’ bin-numru 425485M; u

**Omissis.**

Omissis akkuzat wahdu
Talli fl-1 ta’ Gunju 2011, ghall-habta tat-8.15 p.m., fil-parking area gewwa Triq l-Imhallef William Harding, Pembroke, Malta:

1. Talli dolozament, bil-hsieb li joqtol lil Emanuel Schembri jew li jqieghed il-hajja tieghu f’periklu car wera dan il-hsieb b’atti esterni w ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi ta daqqiet bi strument li jaqta w bil-ponta lill-istess Emanuel Schembri, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkaguna griehi ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Emanuel Schembri, skond kif iccertifika Dr. Malcolm Caruana M.D., liema offizi gew maghmula b’arma regulari;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi filwaqt li kien qed jaghmel delitt kontra l-persuna jew delitt ta’ serq kellu fuqu arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni t’arma tan-nar jew imitazzjoni t’arma regolari;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr ‘il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta’ jew bil-ponta, ta’ liema xorta jkun, minghajr ma kellu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

Lil **Judith Camilleri, Dean Camilleri** u Omissis f’daqqa akkuzati talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi:

5. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamlu hsara fuq il-vettura tat-tip Nissan Terrano b’numru ta’ registrazzjoni SIX676 liema hsara, li ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin Euro u disgha u sittin centezmu (€1,164.69) imma kienet izjed minn mija u sittax il-Euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47), saret ghad-dannu ta’ Emmanuel Schembri u/jew persuni ohra;

6. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ingurjaw u/jew heddu lil Emanuel Schembri;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kisru l-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti giet mitluba sabiex, f’kaz ta’ htija, flimkien mal-piena applikabbli ghar-reat, tipprovdi ghas-sigurta ta’ Emanuel Schembri u/jew ghaz-zamma ta’ l-ordni pubblika, u/jew ghall-iskop ta’ protezzjoni tal-persuni lezi u/jew ta’ individwi ohra minn fastidju w/jew imgieba ohra li tikkaguna biza’ ta’ vjolenza, billi tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-akkuzati ai termini ta’ l-artiklu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti, giet mitluba wkoll sabiex barra milli tapplika l-piena stabbilita mil-Ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputati Judith Camilleri u Dean Camilleri ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u kkonfermaw din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghhom zmien jikkunsidraw il-pozizzjoni taghhom.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghom qed jinstabu hatja l-imputati odjerni u min-naha l-ohra l-involviment taz-zewg imputati odjerni f'l-incident in kwistjoni, l-koperazzjoni taghhom mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri u l-fedina penali taghhom li fil-kaz ta' Dean Camilleri hija netta u fil-kaz ta' Judith Camilleri ghalkemm mhiex netta imma lanqas m'hi wahda allarmanti.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 339(1)(d) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u lil **Judith Camilleri** tikundannaha hames (5) xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tmintax (18) il-xahar u lil **Dean Camilleri** b'applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigi liberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tmintax (18) il-xahar.

In oltre l-Qorti, biex tipprotegi lil Emanuel Schembri u ghas-sigurta ta'l-istess Emanuel Schembri kif ukoll ghaz-zamma ta'l-ordni pubbliku, qed tohrog ordni ta' protezzjoni kontra l-imputati **Judith Camilleri u Dean Camilleri** bil-kundizzjonijiet kollha elenkati f'l-artikolu 421C(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu ta' tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommettu reat iehor fi zmien tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------